22002D0104

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 104/2002

tal-12 ta' Lulju 2002

li jemenda l-annessi l-Anness XI (Servizzi tat-telekomunikazzjoni) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim ta' Arja Ekonomika Ewropea, kif emendat fil-Protokoll lili jbiddel il-Ftehim fuq l-Arji Ekonomiċi Ewropej, min hawn il-quddiem riferut bħala "Il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 ta' dan,

Billi:

(1) L-anness XI tal-Ftehim kien emendtat mid-deċiżjoni tal-Kumitat konġunt ŻEE No 87/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ([1]).

(2) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2002/175/KE tal-22 ta' Frar 2002 li jemenda r-Rakkomandazzjoni 98/195/KE kif l-aħħar emendat bir-Rakkomandazzjoni 2000/263/KE, fuq interkonnessjoni f'suq ta' telekomunikazzjonijiet ħielsa ([2]) għandu jkun inkorporat f'dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jkun miżjud mal-punt 26g (Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/195/KE) ta' l-Anness XI għall-Ftehim:

"– **32002 H 0175**: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2002/175/KE tat-22 ta' Frar 2002 (ĠU L 58, tat-28.2.2002, p. 56)."

Artikolu 2

It-testi ta'rakkomandazzjonijiet 2002/175/KE fil-lingwi Norveġiżi u ta' l-Islanda li għandhom ikunu ppublikati fis-suppliment tal-*Ġurnal Uffiċjali ŻEE tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Lulju 2002, provdut li n-notifikazzjonijiet taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim saru fil-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

([1]) ĠU L 266, tat-3.10.2002, p. 54.
([2]) ĠU L 58, tat-28.2.2002, p. 56.
(*) L-ebda ħtieġa kostituzzjonali ma kienet indikata

Artikolu 4

Din id-deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-sezzjoni ŻEE ta', u fis-suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Lulju 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

G. S. GUNNARSSON